MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru 1315/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**KONTRA**

**GEOFFREY TABONE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Geoffrey Tabone ta’ 33 sena, bin Joseph u Mary Grace nee’ Farrugia, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Lulju, 1973, residenti fil-fond numru 244, Triq Santa Duminka, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 314173M;

1. Akkuzat talli nhar il-25 ta’ Gunju, 2007 ghall-habta ta’ 9.30pm, fil-Ponta tal-Isla, Isla, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq Joseph Pace, skond ma ccertifika t-Tabib Dr Ian Cauchi MD (Reg no 2436), mic-Centru tas-Sahha

tar-Rahal Gdid, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew kellu f'idu jew fuqu, arma taqta' u bil-ponta barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenjza tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi li ghamel delitt kontra l-persuna ta' Martin u Joseph Pace, kellu fuq il-persuna tieghu arma taqta' u bil-ponta, u dan bi ksur tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inqqas il-gieh ta' Martin u Joseph Pace, weggaghhom bi kliem, b'gest jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Martin u Joseph Pace, u dan sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indidenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa, jew id-decenza pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lill-imsemmija Martin u Joseph Pace u dan sabiex iweggaghhom jew jinsulentahom u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u

glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti ezebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 221(1), 252(1), 339(d) u (e), 338(bb), 338(dd), 339(1)(l), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll il-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Geoffrey Tabone hati tal-ewwel (1) imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal twiddiba u canfira;
Izda ma ssibux tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Ghar-rigward tar-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (5), is-seba' (7), u t-tminn (8) imputazzjoni hekk kif dedotti fil-konfront tal-istess Geoffrey Tabone, din il-Qorti qed tiddikkjarahom preskritti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------